# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA

Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Ir-Raba' Sena** **STUDJI SOĊJALI (Ġenerali)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** _______________

**Dan l-eżami huma maqsum f'SITT taqsimiet (A-F). L-istudenti jridu jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA u jaqraw sew l-istruzzjonijiet mogħtija f'kull taqsima.**

**Taqsima A**
**Imla l-vojt b'dawn il-kliem:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| il-proċess ta' soċjalizzazzjoni | fundamentaliżmu | stratifikazzjoni | settur primarju | mobbiltà soċjali |
| benefiċċji soċjali | kunflitti | relazzjonijiet | kontroll soċjali | is-sistema edukattiva |

1. ____________________________________ hija edukazzjoni formali li tagħti dritt ta' edukazzjoni lil kulħadd.
2. ____________________________________ jgħallimna regoli ta' mġiba li għandna jkollna fis-soċjetà.
3. Matul ħajjitna nibnu ____________________________________ ma' persuni oħrajn għax inħossu bżonn li nikkomunikaw bejnietna.
4. Inħallsu t-taxxi biex ingawdu mill-____________________________________ meta jkollna bżonn.
5. Xi kultant jistgħu jinqalgħu xi ____________________________________ bejnietna minħabba xi nuqqas ta' qbil, li rridu nsolvuhom għall-ġid tagħna lkoll.
6. Is-soċjetà żżomm ____________________________________ billi tagħmel liġijiet u tikkastiga lil dawk li jiksruhom.
7. L-eżistenza ta' klassijiet soċjali turi l-inugwaljanza fis-soċjetà u tissejjaħ ____________________________________.
8. Fanatiċiżmu politiku jissejjaħ partiġġjaniżmu filwaqt li dak reliġjuż insejħulu ____________________________________.
9. Il-biedja, is-sajd u kull xogħol li jiddependi fuq in-natura jaqa' taħt dak tas-____________________________________.
10. Il-proċess meta individwu jirnexxilu javvanza fis-soċjetà u joħroġ mis-saff soċjali li jkun fih jissejjaħ ____________________________________.

**(1 x 10 = 10 marki)**

**Taqsima B**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA billi tagħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Il-bniedem x'jiġrilu meta jsib ruħu f'soċjetà maħkuma mit-tqassim tax-xogħol?

a) il-bniedem ma jistax jgħix waħdu.

b) kulħadd jiġi bżonnu l-ħin kollu.

ċ) jiddependi minn ħaddieħor bħalma ħaddieħor jiddependi minnu.

2. Xi tfisser edukazzjoni obbligatorja?

a) li ma tattendix l-iskola.

b) li tattendi l-iskola sa sittax-il sena.

ċ) li tħallas għall-iskola.

3. Familja estiża tfisser

a) l-omm, il-missier u l-ulied jgħixu flimkien man-nanniet u l-qraba.

b) l-omm, il-missier u l-ulied jgħixu fimkien.

ċ) familja b'ġenitur wieħed.

4. X'inhi l-ekonomija?

a) it-tqassim tal-ġid fil-pajjiż.

b) is-settur primarju tal-ekonomija.

ċ) tfaddal il-flus fil-bank.

5. Il-familja simetrika hija tip ta' familja

a) li għandha ħafna xogħol.

b) li tgħin lin-nanniet.

ċ) li taqsam ir-responsabbiltajiet bejn ir-raġel u l-mara.

6. Fl-iskola sekondarja l-istudenti jitgħallmu

a) is-suġġetti kollha.

b) dak li jixtiequ huma biss.

ċ) suġġetti akkademiċi u ukoll kif tiżviluppa l-karattru.

7. Rwoli soċjali huma
a) it-tagħlim fl-iskola.
b) is-sehem li kulħadd għandu f'kull sitwazzjoni soċjali.
ċ) kif tiffunzjona s-soċjetà.

8. Imġiba normali tfisser
a) manjieri tajbin.
b) bil-għaqal.
ċ) taf tmur man-nies.

9. Għaliex il-membri Parlamentari jissejħu rappreżentanti tal-poplu?
a) għax huma magħżulin mill-Gvern.
b) huma magħżulin mill-poplu waqt elezzjoni ġenerali.
ċ) għax huma magħżula mill-Oppożizzjoni.

10. Il-liġijiet tal-pajjiż jeżistu biex
a) jiġu interpretati fil-qorti.
b) jirregolaw il-ħajja taċ-ċittadin.
ċ) inaqqsu l-libertà tal-poplu.

**(1 x 10 = 10 marki)**

**Taqsima Ċ**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha:**

*Il-kunflitt hu wieħed mill-punti ċentrali fl-edukazzjoni għall-paċi. Iwassal għall-kontradizzjoni fundamentali: mingħajr kunflitt m'hemmx ħajja, imma lanqas ma jkun hemm ħajja jekk insolvu l-kunflitti bil-vjolenza, u l-gwerra hi wieħed mill-agħar eżempji. It-triq il-ġdida biex toħroġ minn din il-kontradizzjoni hi n-non-vjolenza. Xi kultant inħalltu qawwa ma' vjolenza; hu d-dmir tagħna li naraw x'inhi din l-enerġija profonda bl-isem ta' non-vjolenza u li negħlbu għal kollox id-dgħufija tal-vjolenza.*

(Silta meħuda minn *"Il-Paċi fost il-Ġnus" Ċentru Fidi u Ġustizzja*)

1. Xi jfisser kunflitt? Agħti eżempju wieħed. (2,1)
2. Għaliex ngħidu li mingħajr 'konflitt m'hemmx ħajja'? (3)
3. Kif għandna nsolvu l-problemi tagħna? Agħti ŻEWĠ eżempji. (3,1,1)

4. Għalfejn ġieli jinħolqu problemi meta nies ta' razza jew kulur differenti jgħixu jew jaħdmu flimkien? (3)
5. Semmi każ fejn hemm kunflitt reliġjuż, razzjali jew ta' gwerra. Ikteb madwar 50 kelma dwar kif inti taħseb li jistgħu jissolvew il-problemi bla ma nirrikorru għall-vjolenza. (2,4)

**(20 marka)**

**Taqsima D**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA:**

1. X'sistema politika għandna f'pajjiżna? Agħti TLIET eżempji ta' drittijiet li aħna ngawdu f'din is-sistema politika. (2,3)
2. X'tifhem b'edukazzjoni tul il-ħajja? Agħti ŻEWĠ eżempji. (3,2)
3. Uri d-differenza bejn relazzjoni funzjonali u relazzjoni emozzjonali. (5)
4. X'inhuma istituzzjonijiet? Agħti TLIET eżempji ta' istituzzjonijiet li nsibu f'kull soċjetà. (2,3)
5. X'tifhem bi gruppi ta' pressjoni? Agħti TLIET eżempji. (2,3)

**(25 marka)**

**Taqsima E**

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb paragrafu dwaru ta' madwar 15-il linja:**

1. Xi rwol għandhom l-anzjani fil-familja moderna?
2. Semmi u spjega l-ERBA' funzjonijiet tas-sistema edukattiva.
3. Xi tfisser il-kelma kostituzzjoni? Għaliex il-pajjiż għandu jkollu kostituzzjoni?

**(15-il marka)**

**Taqsima F**

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 200 kelma:**

1. Għalkemm il-familja nbiddlet fil-forma tagħha, xorta waħda għadha l-bażi tas-soċjetà. Iddiskuti.
2. Id-delinkwenza u l-abbuż ta' sustanza jidhru li huma karatteristiċi ta' kull soċjetà moderna. Iddiskuti.
3. Bniedem soċjalizzat hu persuna li l-imġiba tiegħu jew tagħha hi skont ir-regoli tas-soċjetà. Spjega u ddiskuti kif dan il-proċess ta' soċjalizzazzjoni iġiegħlna nġibu ruħna b'dan il-mod.

(**20 marka)**

**Total: 100 marka**